# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-15 ta' Marzu 2021**

**Rik. Gur. Nru: 15/2020 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**LS**
**Vs**
**Dr Benjamin Valenzia u PL Joeline Pace Ciscaldi ghall-assenti VB (KI mhux maghruf)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' LS, datat 15 ta' Jannar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti ilu mizzewweg lill-konvenuta ghal kwazi sittax-il sena (16), senjatament mis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Ara document anness u mmarkat bhala Dok 'A');*

2. *Illi minn dan iz-zwieg huwa ma kellux ulied;*

3. *Illi ghalkemm mhux legalment isseparat minn ma martu, l-partijiet ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar hmistax (15) – il sena;*

4. *Illi huwa gie abbandunat minn martu VB madwar hmistax (15) – il sena ilu,*

*meta hija halliet id-dar matrimonjali u qatt ma rritornat lura, u r-rikorrenti ma ghandux hjiel ta fejn din qieghda tirrisjedi u lanqas m'ghandu kuntatt maghha;*

5. *Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali ma martu giet reza impossibbli;*

6. *Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni ma' martu;*

7. *Illi m'hemmx assi formanti l-kommunjoni tal-akkwisti stante illi d-dar matrimonjali kienet fond bil-kera;*

8. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbiment u sussidjarjament minhabba abbandun da parti tal-konvenuta u ghall-finijiiet tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal- Kap tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha hija kienet hatja tal-firda;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrent jghix separatament mill-konvenuta;*

3. *Tordna l-qasma tal-kommunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess;*

4. *Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-aRtikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Tordna lir-Registratur tal-Qrat sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunat in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr Benjamin Valenzia (ID 144884M) u l-PL Joeline Pace Ciscaldi sabiex jirrappresentaw lill-assenti VB, datata 29 ta' Jannar 2020, a fol 16 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti irnexxielu jaghmel kuntatt mal-assenti VB wara li sab l-istess fuq Facebook Messenger taghha u infurmaha dwar xiex inhi l-kawza;*

2. *L-istess VB ikkonfermat li jezistu l-elementi mitluba mil-ligi sabiex tali divorzju jinghata (ara Dok VB1 u VB2). Il-kuratur deputat talab li l-ittra Dok. VB2 tigi ffirmata minnha permezz ta' email tat-22 ta' Jannar 2020.*

3. *Rigward l-ewwel talba hemm qbil dwar id-dikjarazzjoni u pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet ghaliex jezistu r-rekwiziti skont il-ligi imma ma hemmx qbil li dan sehh minhabba VB u ghalhekk m'ghandhomx jigu applikati l-artikoli tal-ligi misjuba fl-ewwel talba;*

4. *Rigward it-tieni talba ma hemmx oggezzjoni;*

5. *Rigward it-tielet talba hemm qbil ghalkemm il-partijiet bejniehtom ma kellhomx assi u/jew propretajiet;*

6. *Ma hemmx qbil dwar ir-raba' talba;*

7. *Hemm qbil fir-rigward tal-hames talba;*

8. *Salv eccezzjonijiet ohra premessibbli skont il-ligi.*

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020, l-attur irtira t-talba numru 4 u parti mill-ewwel talba ghar rigward tal-htija tas-separazzjoni u dan in vista tal-fatt li l-attur m'huwiex interessat illi din il-Qorti tassenja htija (Vide fol 35);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-11 ta' Frar 2021 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li ma ghandhomx htiega ta' trattazzjoni finali.

**Ikkonsidrat:**

**LS xehed permezz ta' affidavit**[1] u spjega illi fil-bidu tas-sena 2003, iltaqa' mal-intimata VB ta' nazzjonalita' M gewwa l-Belt Valletta u minn hemm bdew jiltaqghu. Fis- 6 ta' Settembru tal-istess sena u cioe tas-sena 2003, izzewgu fir-Registru Pubbliku. Jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Izid illi ftit xhur wara z-zwieg, l-intimata xtaqet li tmur tara lill-familja taghha li kienet fl-esteru u wara li telqet ghal din iz-zjara, qatt ma rritornat lura u la qatt rega' rahha u lanqas ma sema' iktar minn ghandha. F'dan l-istadju l-attur jispjega illi hu ddecieda li jibda jghix hajtu u jfittex l-interessi tieghu.

Jiddikjara illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni mal-intimata u dana peress li ilhom separati de facto ghal aktar minn hmistax (15) – il sena. Di piu', m'hemm l-ebda assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti stante illi d-dar matrimonjali hija soggetta ghall-kera.

**In kontro-ezami l-attur** jikkonferma illi huwa iltaqgha mal-konvenuta fl-2003 u wara ftit xhur kienu zzewgu. L-intimata kienet marret izzur lill-familja taghha fl-esteru, u qatt ma regghet giet lura. Jispjega illi d-dar matrimonjali qieghda b'titolu ta' kera f'isem missieru. L-attur sostna wkoll illi l-*bank accounts* tal-kontendenti dejjem kienu separati u kkonferma li qatt ma kellhom *joint account.* Fir-rigward tal-vetturi, l-attur sostna li huwa xtara karozza recentement. Mistoqsi mill-Qorti kemm damu jghixu flimkien il-kontendenti, jiddikjara li damu jghixu flimkien circa tmien xhur, u li qatt ma kien hemm problemi bejniethom. Sussegwentement, jispjega illi l-intimata kienet esprimiet ix-xewqa li tmur tara lill-familjari taghha u qatt ma rritornat lura Malta.

Filfatt dak iz-zmien ghadda minn taqbida personali fejn effettivament ikkonkluda li kien omosesswali. Spjega illi huwa kien ghamel l-almu tieghu biex jghix hajja normali bhal genituri

[1] Vide affidavit a fol 36 et seq.

tieghu, izda ma rnexxielux.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Illi l-Qorti tinnota illi ghalkemm il-partijiet ilhom ormai zmien twil isseparati *de facto*, il-partijiet qatt m'ottjenew is-separazzjoni legali. Illi jirrizulta mill-atti esebiti, li l-partijiet ottemperaw ruhhom mad-dispozizzjonijiet tal-artiklu 66 I tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mad-dispozizzjonijiet tal-Ligi Sussidjarja 12.20.

Illi sussegwentement, l-attur gie awtorizzat jipprocedi b'dawn l-proceduri ghad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta datat hamsa (5) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019)[2] fejn gie dikjarat li l-medjazzjoni nghalqet u l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'kawza entro t-termini imposti mill-ligi.

Mill-atti jirrizulta soddisfacentement illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Settmbru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg mmarkat bhala Dok A anness mar-rikors guramentat tal-attur a fol 5 tal-process. Illi minn dan z-zwieg, kif gie dikjarat mill-attur, ma twieldux tfal u ormai l-kontendenti ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar hmistax (15)–il sena u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. B'hekk huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-ligi illi l-partijiet iridu jkunu separati anke jekk *de facto* ghal zmien stipulat mil-ligi.

Illi kif jirrizulta ukoll mix-xhiedha tal-attur mhux kontestata, il-hajja mizzewga ta' bejn il-partijiet kienet wahda brevi ghall-ahhar. Illi jidher ukoll li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni, kif jiddikjaraw iz-zewg partijiet, b'dana illi anke dan ir-rekwizit hekk kif stipulat fil-ligi jirrizulta wkoll sufficjentement pprovat.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi m'hemm l-ebda pretensjonijiet ghar-rigward manteniment bejn il-partijiet u lanqas m'hemm pendenzi ulterjuri ohra.

Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex iz-zwieg tieghu mal-intimata jigi mahlul.

Illi ghar-rigward it-tielet (3) talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti il-Qorti rat l-artikolu 66 D (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li flimkien ma' l-istess talba ghad-divorzju, *'it-talbiet kollha illi huma mahsuba illi jistghu jsiru f'kawza ta' separazzjoni skond is-Sub Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-Qorti ghandha tisma u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif mahsub fid-dispizizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis…"*

Il-Qorti tinnota li l-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet. Jirrizulta mix-xhiedha tal-partijiet, li ma hemm ebda assi formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u li l-partijiet ma ghandhom ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward fil-konfront ta' xulxin.

[2] Vide vera kopja tad-digriet a fol 25.

Il-Qorti tosserva illi f'sitwazzjonijiet bhal dik odjerna fejn il-partijiet ma jkunux legalment separati permezz ta' kuntratt jew sentenza tal-Qorti, il-Legislatur dehrlu li kellu jimponi fuq l-**avukati difensuri taz-zewg partijiet**[3] illi jiddiskutu mal-partijiet rispettivi l-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħtu lill-partijiet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u jassiguraw ruhhom li l-partijiet jafu bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju. Illi in adempjenza ma' dan l-obbligu impost mill-Legislatur, id-difensuri legali taz-zewg partijiet huma obbligati jipprezentaw nota li fiha l-avukat tar-rikorrenti irrid jikkonferma illi osserva il-htijiet tas-subartikolu 1 tal-Artikolu 66G, filwaqt li l-avukat tal-intimat jehtieg li jaghmel l-istess ai termini tal-artikolu 66(H)(2) u dan in ottemperanza mal-artikolu 66H(1).

Il-Qorti ghar-rigward, tirrileva illi n-noti rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikolu 66 G (2) (a) tal-Kap 16 u dik ai termini 66 (H) (2)[4], gew prezentati mill-avukati difensuri rispettivi, u jinsabu a fol 42 u a fol 43 tal-process rispettivament. Illi pero' il-Qorti tirrileva illi dawn in-noti gew prezentati tardivament, u mhux sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża kif tezigi l-ligi, u dana wara li l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet fuq il-bzonn li jirregolaw ruhhom dwar dan.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu, il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat. Ma jistax ikun dubitat illi l-osservanzi tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawza u r-regolarita` taghha.

---

[3] Enfazi tal-Qorti.

[4] L-artikolu 66G u 66H jipprovdu kif segwenti: *(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti - (a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta'rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċessta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u(b) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju… (2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jewb'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1);*

*66H (1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lill-intimat għandu,kemm jista' jkun malajr wara li jirċievi istruzzjonijiet mill-intimat dwar il-każ, fejn l-intimat u l-parti l-oħra ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, jiddiskuti mal-intimat il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħtih l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta'rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin. (2) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ir-risposta tal-intimat għar-rikors għad-divorzju għandha tkun akkumpanjata b'nota li fiha l-avukatjikkonferma li osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1): Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta'divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, l-avukat għandu jippreżenta dik in-nota fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża.*

Illi pero l-analisi ta' jekk din il-kondotta u l-evalwazzjoni ta' jekk in-nuqqasijiet li jirrizultaw kienux jimportaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet stipulati fin-normi procedurali li jirregolaw is-smiegh tal-kawza ghandu jsir oggettivament. Illi l-Qorti fic-cirkostanzi, fid-dawl ta' gurisprudenza li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat[5] u ta' dak li rrizulta mill-atti u mix-xhieda u cioe li ormai ilhom hmistax (15)- il sena, jghixu hajja separata u distinta minn xulxin, li sahansitra l-konvenuta qeghda tirrisjedi l-esteru, hu evidenti li z-zewg partijiet huma indubjament konvinti minn dina d-decisjoni li jridu li jigi ordnat il-hall taz-zwieg li gie kontrattat bejniethom. Illi ghalhekk il-Qorti tirrileva illi fid-dawl ta' dan kollu, u tal-fatt li it-tardivita' tal-prezentata tan-noti in kwistjoni mhux sejra tintralcja b'xi mod il-process gudizzjarju odjern jew tohloq pregudizzju lill-partijiet, tali tardivita' ***wahidha***[6] m'ghandhiex tkun ostaklu ghall-Qorti sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u tghaddi ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament stante li parti mill-ewwel talba ghar rigward tal-htija tas-separazzjoni giet irtirata u tordna u tippronunzja d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis- 6 ta' Settembru 2003 liema zwieg igib ic-certifikat Nru 1575/2003;**

2. **Tilqa it-tieni talba u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta;**

3. **Tilqa t-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna illi kwalunkwe *bank account*, vettura jew assi ohra tal-kontendenti jibqghu jappartjenu f'isem minn ikunu intestati. Tordna n-notifika ta' dan lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur ai termini tal-ligi;**

---

[5] Vide *inter alia* gurisprudenza tal-Imhallef Raymond C Pace, u dik tal-Imhallef Philip Sciberras fosthom: Untours Insurance Limited vs Gauci Maria Lourdes deciza 10/07/2003 Qorti tal-Appell (Sede Infejuri).

[6] Enfazi tal-Qorti.

4. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba, stante li din it-talba giet irtirata mill-attur;**

5. **Tilqa' l-hames talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**